

- 2) Sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-possibbiltà tal-esklużjoni tal-offerent hija fost dawk permessi lil Stat Membru, il-prinċipju ta' proporzjonalità, iddikjarat fl-Artikolu 5 tat-Trattat UE, li għalih isir riferiment fil-*"premissa"* 101 tad-Direttiva 2014/24/UE u li huwa indikat bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea mill-Qorti tal-Ġustizzja, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 80(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 50 tal-2016, li tipprevedi li, fil-każ li tiġi kkonstatata, fl-istadju tas-sejħa għal offerenti, raġuni għal esklużjoni li tirrigwarda subappaltatur indikat, fi kwalunkwe każ jiġi eskluż l-operatur ekonomiku offerent, anki fejn ikun hemm subappaltaturi oħra mhux esklużi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-eżekuzzjoni tas-servizzi li għandhom jiġu ssubappaltati jew fejn l-operatur ekonomiku jiddikjara li jirrinunzja għas-subappalt, inkwantu jkollu l-mezzi sabiex jeżegwixxi s-servizzi huwa stess?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van Cassatie (il-Belġju) fit-18 ta' Ġunju 2018 –  
Infohos vs L-Istat Belġjan**

**(Kawża C-400/18)**

(2018/C 301/23)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Hof van Cassatie

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Infohos

Konvenut: L-Istat Belġjan

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 13A(1)(f) tad-Direttiva 77/388/KEE <sup>(1)</sup> tas-17 ta' Mejju 1977, li sar l-Artikolu 132(1)(f) tad-Direttiva 2006/112/KE <sup>(2)</sup> tat-28 ta' Novembru 2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza lill-Istati Membri li mal-eżenzjoni stabbilita minnu tiżdied kundizzjoni ta' esklużività li għandha bħala effett li grupp awtonomu li jipprovdli wkoll servizzi lil persuni mhux membri jkun suġġett b'mod sħiħ għall-VAT, anki għas-servizzi li jipprovdli lill-membri tiegħu?

<sup>(1)</sup> Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

<sup>(2)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fil-15 ta' Ġunju 2018 –  
Tedeschi Srl għan-nom tagħha u fil-kwalità ta' mandatarju ta' Rti, Consorzio Stabile Istant Service  
għan-nom tiegħu u fil-kwalità ta' mandatarju ta' Rti vs C.M. Service Srl, Università degli Studi di  
Roma La Sapienza**

**(Kawża C-402/18)**

(2018/C 301/24)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato